MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 8/2024 LM

**Sharon Bugeja (K.I. nru. 0237277(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Sharon Bugeja (K.I. numru 0237277(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' April, 2024, numru 076/2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l

quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'], u jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu, 2021, kif ikkomunikata permezz ta' ittra tat-2 ta' Settembru, 2021, fejn l-appellanta ġiet ordnata tħallas lura l-ammont komplessiv ta' tnejn u sebgħin elf disa' mija u sittin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€72,960.96).

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tat-2 ta' Settembru, 2021, fejn informa lill-appellanta li kien jirriżulta li s-somma ta' tnejn u sebgħin elf disa' mija u sittin Euro u sitta u disgħin ċenteżmi (€72,960.96) kienet tħallset żejjed lilha kif spjegat fl-istess deċiżjoni. Għalhekk hija ntalbet sabet tirrifondi dan il-ħlas billi fi żmien xahar tagħmel dawk l-arranġamenti sabiex titħallas lura permezz ta' pagamenti mensili.

**Mertu**

3. L-appellanta appellat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat fit-13 ta' Ottubru, 2021.

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fit-28 ta' Settembru, 2022, fejn filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellanta kien wieħed tardiv *ai termini* tas-subartikolu 108(3) tal-Kap. 318, għaliex id-deċiżjoni tiegħu kienet ġiet ikkomunikata lilha fit-28 ta' April, 2021, issottometta li l-istess appell ma kien jittratta l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, u għalhekk kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Illi dak li għandu primarjament jiġi deċiż hu jekk l-appell hux wieħed tardiv o meno.*

*Illi l-Appellat jsostni li l-Appell hu wieħed tardiv peress illi l-ewwel ittra ġiet notifikata lill-Appellata* [sic!] *ġġib id-data tat-28 ta' Jannar 2021 filwaqt li l-appell qed jiġi ntavolat fil-konfront tal-ittra ossia* overpayment advice *li ġġib id-data tat-2 ta' Settembru 2021 u għalhekk mhux in linea ma dak li jistabbilixxi l-Art. 3 tal-Kap 108* [sic!].

*L-Appellat ikompli jsostni li l-fatt li jkun riprodott fil-korrispondenza anteċedenti d-dritt tal-appell, dan huwa biss għall-fatt li tali korrispondenza hija* Computer generated *u min jerġa' jibgħat tali korrispondenza ma joqgħodx ineħħi dik il-parti li tikkonċedi tali dritt u għalhekk ma jistax jiġi meqjus bħal li kieku tali avviż qed jintbagħat bħal li kieku kien l-ewwel darba.*

*Da parti tagħha, l-appellanta ssostni li filwaqt li dan jista' jkun minnu, u dan kif jirriżulta mill-istess ittra ċitata tat-2 ta' Settembru 2021, l-appellanta kienet ġiet mogħtija lilha mill-ġdid l-opportunità li tressaq l-appell tagħha u għalhekk ma hux tardiv.*

*Sabiex issostni t-teżi tagħha l-appellanta tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet Michael Brigone vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali tat-13 ta' Jannar 2016.*

*Illi l-esponenti ma jikkondividix u ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Appellat. Il-fatt li parti mil-korrispondenza ndirizzata lill-appellate* [sic!] *kienet tittratta u tikkoncedilha dritt ta' appell minn dak li tikkontjeni dik l-ittra, minnu nifsu, jikkostitwixxi dritt lill-appellanta tintavola dak l-appell.*

*Issa jekk għal min ikun qed jibgħat dik l-ittra huwa tant fatikuż li jagħmel dik l-ommissjoni u jneħħi dik il-parti li tkun qed tagħti d-dritt ta' appell, allura dak sta għalih imma ma jista' qatt l-appellat jeħodha* for granted *u jistrieħ fuq is-suppożizzjoni li d-data applikabbli hija dik tal-ewwel avviż u mhux ta' dawk sussegwenti.*

*Illi għalhekk dan l-aggravju ma hux qed jiġi akkolt.*

*Illi dan iwassal għat-tieni aggravju sollevat mil-appellant* [sic!] *u ċioe' li l-appellanta ma kienitx intitolata tirċievi l-benefiċċji li kienet qiegħda tipperċepixxi u dan għax minn dak li rriżultali huwa ma setax ikun sodisfatt li l-kapital tal-appellanti ma kienx jeċċedi l-€14,000.*

*Illi l-appellanta tiffoka d-difiża tagħha fuq il-premessa li l-proprjetajiet ġewwa Triq San Mikiel Bormla ma kienux tagħha fil-verità iżda ta' missierha u li fuq dawk il-kuntratti kienet qiegħda tidher biss bħala* prestanome *għal missierha.*

*Hija tgħid li missierha kien jirċievi benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u sabiex ma jitlifx dawn il-benefiċċji poġġa tali proprjetà fuq isem l-appellanta. L-appellanta, stante li dak iż-żmien kienet f'impjieg aċċettat u hekk id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kien żvijjat.*

*Jirrizulta li eventwalment dawn il-proprjetajiet ġew mibjugħa u skont l-appellanta r-rikavat ġie sborżat skont id-direttivi ta' missierha u li minnhom hi ma ħadet xejn.*

*Eventwalment hija kienet applikat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u peress li f'isimha ma kien għad fadal xejn ikkwalifikat u bdiet effettivament tirċievi diversi benefiċċji.*

*Illi mid-deposizzjoni tal-istess appellanta jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-manuvrar kollu kien intiż sabiex jiġi żvijjat id-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali.*

*Jirriżulta li l-appellanta kienet kapaċi tikkuntratta u għalhekk fuq tmintax-il sena. Dan juri li hija kienet konsapevoli ta' dak li kienet qiegħda tagħmel u għalhekk kienet disponibbli u pronta tgħin lil missierha jinganna lill-Appellant* [sic!] *u jipperċepixxi flus li ma kellu qatt dritt għalihom.*

*Lanqas ma tista' tiġi aċċettata t-teżi tad-difiża u ċioe' l-kunċett tal-patrimonija u dak tad-dritt ta' proprjetà.*

*Hawn* si tratta *ta' maniġġjar u ppjanar ta' kif ser jiġi żvijjat id-Dipartiment. L-appellanta kellha proprjetà li biegħet bi qliegħ u għalhekk kellha kapital li jeċċedi l-€14,000 u għalhekk ma kienitx eliġibbli tirċievi l-benefiċċji li rċeviet.*

*Illi għalhekk l-aggravju tal-appellant qiegħed jigi akkolt.* [sic!]*"*

**L-Appell**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-9 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata, billi tiċħad it-talbiet tad-Direttur Ġenerali appellant u tilqa' l-appell tagħha, bl-ispejjeż kontra l-istess Direttur Ġenerali appellat.

7. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fl-14 ta' Ġunju, 2024, fejn talab lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellanta, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat.

9. L-appellanta ssostni li fl-ewwel lok ma saritx ġustizzja magħha, għaliex l-Arbitru naqas milli jikkunsidra l-provi tagħha. Tgħid li barra minn hekk id-deċiżjoni appellata mhijiex motivata, u d-difiża tagħha msejsa fuq il-kunċetti tal-patrimonija u tad-dritt tal-proprjetà, ġiet imwarrba mingħajr raġunijiet validi. Filwaqt li tiċċita dak li qal l-awtur R. Hastie fl-artiklu tiegħu *'Problems for Judgment and Decision Making'*, tgħid li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-komponenti neċessarji. Hija tissottometti li d-deċiżjoni appellata saħansitra ma tikkunsidrax dak li ġie konċess mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali riżultanti wkoll mid-dokumenti annessi mar-risposta. L-appellanta hawnhekk tagħmel riferiment għall-att tal-bejgħ tat-2 ta' Ottubru, 2018, magħmul quddiem in-Nutar

Charmaine Bonnici, fejn inkiteb li *'For all intents and purposes which may be required by law, Antonio Brignone is hereby giving his consent for this transfer',* u li kien evidenza tar-rwol passiv tagħha u dak attiv ta' missierha, li kien il-veru proprjetarju tal-fondi in kwistjoni. L-appellanta tagħmel riferiment għal dak li qal il-Professur tal-Liġi tal-Università ta' Milan, Giulio Peroni, u tgħid li l-imsemmija fondi qatt ma kellhom rilevanza ekonomika għaliha, u għalhekk ma setgħux jitqiesu formanti parti mill-patrimonju tagħha. Tirrileva li hija saħansitra qatt ma kellha ċ-ċwievet tal-imsemmija fondi. Madankollu dawn id-dettalji ma ssemmewx fid-deċiżjoni appellata, kif ukoll ma ssemma xejn dwar l-iżbanki sostanzjali li sussegwentement saru. L-appellanta tikkontendi li hija qatt ma eżerċitat il-*ius fruendi,* il-*ius utendi* jew il-*ius abutendi* fir-rigward tal-imsemmija fondi, u dan jinsab ikkonfermat fl-affidavit ta' Tania Brignone, li qalet li dawn kienu jappartjenu lill-appellanta fuq il-karta biss, għaliex fil-fatt kienu ta' missierha. Hija ssostni li kienet ġiet abbużivament użata minn missierha, u b'hekk ma jista' qatt jingħad li hija għenet fil-pjan tiegħu.

10. Id-Direttur Ġenerali appellat jagħraf li fl-appell odjern l-appellanta qiegħda tqajjem tliet kwistjonijiet, li huma: (a) nuqqas ta' motivazzjoni; (b) nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-provi tagħha; u (ċ) it-twarrib mingħajr ġustifikazzjoni valida tad-difiża tagħha magħmula fuq il-kunċetti tal-patrimonija u tad-dritt tal-proprjetà. Dwar l-ewwel kwistjoni, id-Direttur Ġenerali appellat jikkontendi li kien biżżejjed għall-Arbitru li dan iqis il-provi fil-kumpless tagħhom, u li jindika l-elementi li fuqhom huwa kien ser jistrieħ. Jgħid li hawnhekk l-Arbitru straħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318, u sab li r-raġuni li ġabet l-appellanta għan-nuqqas tagħha, kienet waħda *"intiż[a] sabiex jiġi żvijjat id-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali"* billi *"tgħin lil missierha jinganna lil-*

*Appellant [Direttur esponent] u jipperċepixxi flus li ma kellu qatt dritt għalihom"*. Jgħid li dak li kkunsidra l-Arbitru kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 218 tal-Kap. 12, għaliex il-motivazzjoni tiegħu kienet waħda kongruwa u koerenti. Jgħid li b'hekk wkoll l-aggravji l-oħra tal-appellanta ma jistgħux jiġu milqugħa fid-dawl tal-prinċipju li qorti tat-tieni istanza m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tad-Direttur Ġenerali appellat. Huwa jgħaddi sabiex jispjega dak li huwa meħtieġ skont it-Test tal-Mezzi a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 għall-fini tal-għoti tal-Għajnuna għall-Mard, il-Benefiċċju għal Disimpieg u l-*Allowance* Supplimentari. Id-Direttur Ġenerali appellat jispjega li fuq investigazzjonijiet li huwa għamel, irriżulta li permezz ta' żewġ kuntratti datati 2 ta' Ottubru, 2018 u 19 ta' Ottubru, 2018, l-appellanta kienet ittrasferiet lil terzi, proprjetà li kienet ġiet mogħtija lilha b'donazzjoni b'att ieħor tal-4 ta' Settembru, 2000. Iżda dan il-fatt qatt ma ġabitu a konjizzjoni tad-Dipartiment, li hekk kif sar jaf, waqqaf l-għoti tal-pensjoni ġaladarba l-korrispettiv tat-trasferiment eċċeda sew il-limitu ta' €14,000 stabbilit mil-liġi għall-kwalifika tal-għoti tal-benefiċċji msemmija. Id-Direttur Ġenerali appellat jagħmel riferiment għall-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, u jgħid li hawnhekk l-appellanta qiegħda tistieden lil din il-Qorti tmur kontra d-dispożizzjonijiet tiegħu. Wara li jiċċita dak li qalu l-Qrati dwar il-prinċipju rifless f'dan l-artikolu, li m'hemmx lok għall-interpretazzjoni fejn il-kliem ta' konvenzjoni huma ċari, id-Direttur Ġenerali appellat jirrileva li l-appellanta qiegħda saħansitra tistieden lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi dwar il-validità o meno tal-kuntratti ta' bejgħ u donazzjoni, kwistjoni li tmur oltre l-kompetenza tagħha. Jgħid li fejn l-appellanta naqset li tipproċedi skont l-artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili, l-atti msemmija jibqgħu validi wkoll *erga omnes.* Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, id-Direttur Ġenerali appellat jgħid li s-sottomissjoni tal-appellanta għandha tiġi

mwarrba. Jikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija waħda konformi mal-liġi, u għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tbiddel l-apprezzament tal-Arbitru jew il-konklużjoni tiegħu.

11. Il-Qorti tgħid li l-appellanta m'għandhiex raġun, u d-deċiżjoni appellata hija waħda tajba. Tagħraf li l-kwistjoni hawnhekk hija waħda li għandha tiġi riżolta faċilment, billi jirriżulta mingħajr dubju u mingħajr kontestazzjoni min-naħa tal-appellanta, li hija tassew kellha ċertu kapital f'idha wara l-bejgħ tal-proprjetà allegatament appartenenti lil missierha, liema kapital kien jeċċedi l-massimu ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) stabbilit mil-liġi, sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji soċjali in kwistjoni. Il-Qorti tagħraf li l-liġi hawnhekk hija ntiża sabiex toħloq ċertezza, element li ċertament jitwarrab fid-difiża li qiegħda tippreżenta l-appellanta. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru kkunsidra dan il-fatt u straħ fuqu sabiex korrettement ma laqgħax id-difiża tal-appellanta. Għalhekk il-Qorti tgħid li hemm motivazzjoni suffiċjenti u tajba fid-deċiżjoni appellata, sabiex tiġġustifika l-konklużjoni tal-Arbitru.

12. Tikkunsidra li korrett ukoll kien l-Arbitru meta warrab d-difiża tagħha kif msejsa fuq il-kunċetti tal-patrimonja u tad-dritt tal-proprjetà. Filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2004, fl-ismijiet **Judith Lucchesi noe *vs.* Rita armla minn Ronald Sultana *pro et noe et***, Appell Ċivili numru 556/1991, fejn ikkunsidrat fil-fond l-import ġuridiku tal-istitut ta' *prestanome*, tagħraf li jekk tassew l-appellanta kienet qiegħda taġixxi fil-kuntratti ta' bejgħ tal-proprjetà immobbli fil-kwalità kif allegata, dan ma kellu l-ebda rilevanza fil-konfront ta' terzi. Għalhekk id-difiża tagħha kontra l-pretensjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat, ma tistax tirnexxi.

Tissenjala li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 998 u 999 tal-Kap. 16 huma ċari, u applikati għall-każ odjern, il-Qorti tgħid li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-effetti tagħhom fil-konfront ta' terzi, tant li d-Direttur Ġenerali appellat kien korrett meta kkunsidra li l-appellanta ma kinitx intitolata li tirċievi l-beneficċji soċjali in kwistjoni. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ukoll ma tosservax li saħansitra fil-kuntratt pubbliku tat-2 ta' Ottubru, 2018, magħmul quddiem in-Nutar Charmaine Bonnici, missierha Antonio Brignone għal xi raġuni li tassew setgħet biss tolqot lill-istess appellanta, kien ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-proprjetà hemm imsemmija, u iddikjara wkoll li ma kellu l-ebda drittijiet jew pretensjonijiet fuq l-istess.

13. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellanta ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċedura għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**